

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-8 ta' Lulju 2014 (Każ R 946/2013 4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Instituto dos Vinhos do Douro e do Porto, IP u Bruichladdich Distillery Co. Ltd, hija annullata.*
- 2) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż, inkluż dawk sostnuti fil-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell.*
- 4) *Bruichladdich Distillery għandha tbatl l-ispejjeż tagħha.*

⁽¹⁾ ĠU C 388, 3.11.2014

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Novembru 2015 – Liu vs UASI – DSN Marketing (Basktijiet għal kompjuters li jistgħu jinġarru)

(Kawża T-813/14) ⁽¹⁾

[“Disinn Komunitarju — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrappreżenta basktijiet għal kompjuters li jistgħu jinġarru — Disinni preċedenti identiċi — Raġuni għal invalidità — Assenza ta' novità fis-sens tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 — Żvelar tad-disinni preċedenti qabel id-data ta' prijorità — Artikolu 7(1) u (2) tar-Regolament Nru 6/2002”]

(2016/C 007/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Min Liu (Guangzhou, iċ-Ċina) (rappreżentanti: inizjalment R. Bailly, S. Zhang u Y. Zhang, sussegwentement Y. Zhang, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: DSN Marketing Ltd (Crawley, ir-Renju Unit)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-UASI tas-7 ta' Ottubru 2014 (Każ R 1864/2013-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn DSN Marketing Ltd u Min Liu.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Min Liu huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 65, 23.2.2015